



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10590/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0182(NLE)**

**JUSTCIV 109
JAI 848
COASI 103**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 368 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Pakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ftif Internazzjonali ta' Minuri

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 368 final.

Mehmuż: COM(2021) 368 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.7.2021
COM(2021) 368 final

2021/0182 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Pakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-għan tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (minn issa 'l quddiem: "il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980"), li sa issa hija rratifikata minn 101 pajjiż, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE, huwa li jerġa' jkun hemm l-*istatus quo* permezz tar-ritorn immedjat ta' minuri mneħħija jew miżmuma b'mod illeċitu permezz ta' sistema ta' kooperazzjoni fost l-awtoritajiet ċentrali maħtura mill-Partijiet Kontraenti tagħha.

Billi l-prevenzjoni tal-ħtif tal-minuri hija parti essenzjali mill-politika tal-UE biex tippromwovi d-drittijiet tat-tfal, l-Unjoni Ewropea hija attiva fil-livell internazzjonali biex ittejjeb l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u thegġegħ lill-Istati terzi biex jaderixxu magħha.

Il-Pakistan iddepożita l-istrument tal-adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fit-22 ta' Diċembru 2016. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-Pakistan fl-1 ta' Marzu 2017.

L-Artikolu 38(4) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 jistipula li l-Konvenzjoni tapplika bejn il-pajjiż aderenti u dawk l-Istati Kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.

L-eżistenza tal-kompetenza esklużiva tal-UE fil-kwistjoni tal-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' Stat terz mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li ġiet ikkonsultata fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni.

Fl-14 ta' Ottubru 2014, l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat li l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea tinkorpora l-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' Stat terz mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.

Il-Qorti insistiet fuq il-ħtieġa għall-uniformità dwar il-kwistjoni fil-livell tal-UE, sabiex tiġi evitata ġeometrija varjabbli fost l-Istati Membri.

Billi l-kwistjoni tal-ħtif internazzjonali ta' minuri taqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea, id-deċiżjoni jekk taċċettax l-adeżjoni tal-Pakistan għandha tittieħed fil-livell tal-UE permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. B'hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jiddepożitaw id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni rigward l-adeżjoni tal-Pakistan fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

L-aċċettazzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tagħmel il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 applikabbli bejn il-Pakistan u l-Istati Membri tal-UE ħlief id-Danimarka.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Sa fejn jikkonċerna l-ħtif ta' minuri mill-ġenituri, il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 hija l-kontroparti internazzjonali tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003 (magħruf bħala r-Regolament Brussell IIa) li huwa l-element ċentrali tal-kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri.

Wieħed mill-obiettivi tar-Regolament huwa li jiskoraġġixxi l-ħtif ta' minuri bejn l-Istati Membri billi jistabbilixxi proċeduri biex jiżgura r-ritorn immedjat tal-minuri fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom. Għal dan il-għan, ir-Regolament Brussell IIa jinkorpora fl-Artikolu 11 tiegħu il-proċedura stipulata fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u jikkomplementaha billi jiċċara wħud mill-aspetti tagħha, b'mod partikolari s-smiġħ tal-minuri, il-perjodu ta' żmien biex tittieħed deċiżjoni wara li tiġi ppreżentata applikazzjoni għar-ritorn u r-raġunijiet li ma jsirx ir-ritorn tal-minuri. Jintroduċi wkoll dispożizzjonijiet li jirregolaw ordnijiet kunfliġġenti ta' ritorn u ta' kontra r-ritorn maħruġa fi Stati Membri differenti.

Fil-livell internazzjonali, l-Unjoni Ewropea tappoġġa l-adeżjoni tal-Istati terzi mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 sabiex l-Istati Membri tagħha jiddependu fuq qafas legali komuni biex jindirizzaw il-ħtif internazzjonali ta' minuri.

Bejn Ġunju 2015 u Frar 2019 diġà ġew adottati 18-il Deċiżjoni tal-Kunsill sabiex tiġi aċċettata l-adeżjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ta' 26 pajjiż terz (il-Marokk, Singapore, il-Federazzjoni Russa, l-Albanija, Andorra, is-Seychelles, l-Armenja, ir-Repubblika tal-Korea, il-Każakistan, il-Perù, il-Georgia, l-Afrika t'Isfel, iċ-Ċili, l-Iżlanda, il-Bahamas, il-Panama, l-Urugwaj, il-Kolombja, El Salvador u San Marino, ir-Repubblika Dominicana, il-Belarussja, l-Uzbekistan, il-Honduras, l-Ekwador u l-Ukrajna)¹.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija marbuta b'mod evidenti mal-objettiv ġenerali minqas fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal. Is-sistema tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 hija mfassla biex tipproteġi lill-minuri mill-effetti ta' ħsara ta' ħtif mill-ġenituri u tiżgura li l-minuri jkunu jistgħu jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri, pereżempju billi tiżgura l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess.

Ta' min isemmi wkoll ir-rabta mal-promozzjoni tal-użu tal-medjazzjoni fis-soluzzjoni tat-tilwim familjari transfruntier. Id-Direttiva dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali² tapplika wkoll għal-liġi tal-familja fl-ispazju ġudizzjarju Ewropew komuni. Il-

¹ Diġà ġew adottati 18-il Deċiżjoni tal-Kunsill li jawtorizzaw lill-Istati Membri biex jaċċettaw l-adeżjoni ta' **Andorra** mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1023 li ġiet adottata fil-15 ta' Ġunju 2015); **is-Seychelles** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2354 li ġiet adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); **ir-Russja** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2355 li ġiet adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); **l-Albanija** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2356 li ġiet adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); **Singapore** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1024 li ġiet adottata fil-15 ta' Ġunju 2015); **il-Marokk** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2357 li ġiet adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); **l-Armenja** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2358 li ġiet adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); **ir-Repubblika tal-Korea** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/2313 li ġiet adottata fit-8 ta' Diċembru 2016), **il-Każakistan** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/2311 li ġiet adottata fit-8.12.2016), **il-Perù** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/2312 li ġiet adottata fit-8.12.2016); **il-Georgia** u **l-Afrika t'Isfel** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2462 tat-18 ta' Diċembru 2017); **iċ-Ċili**, **l-Iżlanda** u **l-Bahamas** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2424 tat-18 ta' Diċembru 2017); **il-Panama**, **l-Urugwaj**, **il-Kolombja** u **El Salvador** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2464 tat-18 ta' Diċembru 2017); **San Marino** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2463 tat-18 ta' Diċembru 2017); **ir-Repubblika Dominicana** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/305 tat-18 ta' Frar 2019); **l-Ekwador** u **l-Ukrajna** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/306 tat-18 ta' Frar 2019); **il-Honduras** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/307 tat-18 ta' Frar 2019); **il-Belarussja** u **l-Uzbekistan** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/308 tat-18 ta' Frar 2019).

² Id-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 136 tal-24 ta' Mejju 2008, p. 3);

Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 tħeġġeġ ukoll ir-risoluzzjoni amikevoli tat-tilwim familjari. Waħda mill-Gwidi ta' Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ippubblikata mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat hija ddedikata għall-użu tal-medjazzjoni għar-risoluzzjoni tat-tilwim familjari internazzjonali li jikkonċerna l-minuri li taq' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, minbarra fl-Ingliż u l-Franċiż din il-Gwida ġiet tradotta fil-lingwi kollha tal-UE u anki fl-Għarbi biex tappoġġa d-djalogu mal-Istati li għadhom ma rratifikawx/aderewx mal-Konvenzjoni u tgħinhom isibu modi konkreti kif jindirizzaw il-problemi mahuqa mill-ħtif internazzjonali ta' minuri³.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 jipprovdi li “[l]-adeżjoni [tal-Istati aderenti] jkollha effett biss fir-relazzjonijiet bejn l-Istat aderenti u dawk l-Istati Kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni”. Minħabba l-fatt li d-deċiżjoni tirrigwarda l-aċċettazzjoni espliċita tal-adeżjoni ta' Stat aderenti mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 mill-Istati Membri fl-interess tal-Unjoni, il-bażi ġuridika applikabbli hija l-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-bażi ġuridika sostantiva hija l-Artikolu 81(3) tat-TFUE, għaldaqstant il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew.

L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 u għaldaqstant qed tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

• Proporzjonalità

Din il-proposta hija mfassla fuq il-mudell tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill diġà adottati dwar l-istess suġġett u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' azzjoni koerenti tal-UE fil-qasam tal-ħtif internazzjonali ta' minuri billi tiżgura li l-Istati Membri kollha tal-UE jaċċettaw l-adeżjoni tal-Pakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 f'perjodu ta' żmien stabbilit.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ikkonsultati mill-Kummissjoni dwar ir-rieda tagħhom li jaċċettaw l-adeżjoni tal-Pakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, taw opinjoni favorevoli.

³ <https://www.hcch.net/en/publications-and-studies/details4/?pid=5568&dtid=3>

Id-diskussjonijiet li saru waqt Laqgħa tal-esperti tat-2 ta' Lulju 2019 urew li, b'eċċezzjoni waħda, ma hemm l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-Istati Membri għall-aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Pakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

Il-Kummissjoni għandha fiduċja li aktar diskussjonijiet fil-livell tekniku fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji ta' Dritt Ċivili se jwasslu għall-unanimità meħtieġa għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

- **Ġbir u użu tal-għarfien expert**

Bħala thejġija għal-Laqgħa tal-esperti tat-2 ta' Lulju 2019 u s-segwitu tagħha, il-Kummissjoni kienet f'kuntatt mill-qrib mal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u mad-Delegazzjoni tal-UE fil-Pakistan.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Rigward it-18-il Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' diversi Stati terzi mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, li diġà ġew adottati bejn l-2015 u l-2019, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt minħabba n-natura ta' dan l-att leġislativ. Madankollu, il-livell ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Pakistan ġie eżaminat fil-Laqgħa tal-esperti tat-2 ta' Lulju 2019 li fiha kienu rrappreżentati l-Istati Membri kollha tal-UE. Bħala segwitu għall-laqgħa, il-Kummissjoni segwiet mill-qrib aktar żviluppi fil-Pakistan.

Il-Pakistan ħatar l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fil-Ministeru għall-Liġi, il-Ġustizzja u d-Drittijiet tal-Bniedem bħala l-Awtorità Ċentrali tiegħu. Barra minn hekk, waqqaf awtoritajiet provinċjali f'Punjab, Sindh, Khyber Pakhtunkhwa, Balochistan, Azad Jammu u Kashmir u Gilgit-Baltistan flimkien mal-aġenziji tal-gvern xierqa biex jappoġġaw lil dawn l-awtoritajiet. L-Awtorità Ċentrali ħarġet "Proċeduri Operattivi Standard" għal dawn l-entitajiet subfederali għal gwida fit-trattament tal-każijiet, b'enfasi qawwija fuq il-medjazzjoni.

Il-leġislazzjoni nazzjonali ġiet emendata sabiex issemmi wkoll il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fost il-kompetenzi tal-Qrati tal-Familja. Sa mill-2017 twettqu diversi korsijiet ta' taħriġ, sabiex il-ġudikatura tingħata struzzjonijiet li l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 hija proċedurali u ma tikkonċernax il-mertu tal-kwistjoni (it-tilwim dwar il-kustodja). Ġie ddikjarat b'mod ċar li l-Qrati tax-Xarija ma għandhom l-ebda kompetenza fir-rigward tal-Konvenzjoni.

Qabel ma aċċetta l-adeżjoni tal-Pakistan, il-Gvern tal-Istati Uniti baġhat żewġ delegazzjonijiet ta' livell għoli magħmula minn avukati, uffiċjali tad-Dipartiment tal-Istat u esperti tal-Konvenzjoni tal-Aja fil-Pakistan biex jivvalutaw il-konformità amministrattiva u ġudizzjarja tal-Konvenzjoni. L-Ambaxxata tal-Istati Uniti f'Islamabad organizzat ukoll ħafna seminars u sessjonijiet ta' ħidma madwar il-pajjiż għall-avukati, l-imħallfin u l-uffiċjali tal-gvern u partijiet ikkonċernati oħra.

L-adeżjoni tal-Pakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ġiet aċċettata minn 12-il Parti Kontraenti, inkluż l-Istati Uniti.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-deċiżjoni proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Billi l-proposta tikkonċerna biss l-awtorizzazzjoni lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea biex jaċċettaw l-adeżjoni tal-Pakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha huwa limitat għar-rispett mill-Istati Membri tal-kliem tad-dikjarazzjoni, l-iskeda taż-żmien biex jiddepożitawha u l-komunikazzjoni tad-depożitu tagħha lill-Kummissjoni, kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-ađeżjoni tal-Pakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(3), flimkien mal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew⁴,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea stabbiliet bħala wieħed mill-għanijiet tagħha l-promozzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, kif iddikjarat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-miżuri għall-protezzjoni tal-tfal kontra t-tneħħija jew iż-żamma b'mod illeċitu huma parti essenzjali minn dik il-politika.
- (2) Il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2201/2003⁵ ("ir-Regolament Brussell IIa"), li għandu l-għan li jipproteġi lill-minuri mill-effetti ta' ħsara tat-tneħħija jew taż-żamma b'mod illeċitu u li jistabbilixxi proċeduri biex jiżgura r-ritorn immedjat tagħhom lejn l-Istat tar-residenza abitwali tagħhom, kif ukoll li jiżgura l-ħarsien tad-drittijiet tal-aċċess u tad-drittijiet tal-kustodja.
- (3) Ir-Regolament Brussell IIa jikkomplementa u jirrinforza l-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") li tistabbilixxi, fil-livell internazzjonali, sistema ta' obbligi u kooperazzjoni fost l-Istati Kontraenti u bejn l-awtoritajiet ċentrali u għandha l-għan li tiżgura r-ritorn immedjat ta' minuri mneħħija jew miżmuma b'mod illeċitu.
- (4) L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.
- (5) L-Unjoni tinkoraġġixxi lil Stati terzi biex jaċċedu għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u tappoġġa l-implimentazzjoni korretta tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 billi tieħu sehem, flimkien mal-Istati Membri, fost oħrajn, fil-Kummissjonijiet Speċjali organizzati fuq bażi regolari mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.
- (6) Qafas legali komuni applikabbli bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u Stati terzi jista' jkun l-aħjar soluzzjoni għal każijiet sensitivi ta' ħtif internazzjonali ta' minuri.

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1).

- (7) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 tistipula li hija tapplika bejn l-Istat aderenti u daww l-Istati kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.
- (8) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma tippermettix li organizzazzjonijiet regionali għall-integrazzjoni ekonomika bħall-Unjoni jsiru partijiet għaliha. Għaldaqstant, l-Unjoni la tista' taderixxi ma' dik il-Konvenzjoni, u lanqas ma tista' tressaq dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' Stat aderenti.
- (9) Skont l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, id-dikjarazzjonijiet ta' aċċettazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 huma parti mill-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni.
- (10) Il-Pakistan iddepożita l-istrument ta' adeżjoni tiegħu mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fit-22 ta' Diċembru 2016. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-Pakistan fl-1 ta' Marzu 2017.
- (11) Valutazzjoni tas-sitwazzjoni fil-Pakistan wasslet għall-konklużjoni li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jinsabu f'pożizzjoni li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni tal-Pakistan skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.
- (12) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jkunu awtorizzati jiddepożitaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Pakistan fl-interess tal-Unjoni f'konformità mat-termini stipulati f'din id-Deċiżjoni.
- (13) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament Brussell IIa u għaldaqstant qed tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (14) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma b'dan awtorizzati li jaċċettaw l-adeżjoni tal-Pakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") fl-interess tal-Unjoni.

L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom, sa mhux aktar tard minn ... [12-il xahar wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni], jiddepożitaw dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Pakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fl-interess tal-Unjoni, fformulata kif ġej:

“[L-isem sħiħ tal-ISTAT MEMBRU] jiddikjara li jaċċetta l-adeżjoni tal-Pakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/...”

L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jinfurmaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bid-depożitu tad-dikjarazzjoni tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Pakistan u għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dik id-dikjarazzjoni fi żmien xahrejn minn meta jiddepożita wha.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*